# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' April, 2018**

**Numru 22**

**Rikors numru 87/17 AF**

**Stephen Nana Owusu**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u l-Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent Stephen Nana Owusu minn digriet [id-digriet appellat] moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti] fis-17 ta' Jannar 2018, b'liema digriet gew michuda t-talbiet tal-istess rikorrent ghar-rimedji provvizorji mitluba fir-rikors tieghu tal-24 ta' Ottubru 2017, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Mertu

2. Illi permezz tal-proceduri kostituzzjonali minnu intavolati fl-24 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrent Stephen Nana Owusu qieghed jikkontesta, *inter alia*, il-validita` tal-proceduri li wasslu ghar-rifjut tal-applikazzjoni tieghu ghall-azil gewwa Malta, liema rifjut, li r-rikorrent jghid li sar minghajr skrutinju xieraq, ser iwassal finalment biex huwa jintbaghat lura gewwa l-Ghana wara l-hrug ta' Ordni ta' Tnehhija fil-konfront tieghu fit-23 ta' Settembru 2017 hekk kif gie rilaxxat mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Din il-kontestazzjoni jibbazaha fost ohrajn fuq l-allegazzjoni illi jekk jintbaghat lura gewwa pajjizu jista' jigi kkundannat ghall-piena kapitali u zmien twil fuq *death row* minhabba l-mewt ta' tliet militari fi glieda li jghid li huwa kien involut fiha, u dan bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni].

3. Kontestwalment mar-rikors kostituzzjonali promotur, ir-rikorrent ipprezenta rikors urgenti fejn, wara li rega' ppremetta u fisser li jekk jintbaghat lura l-Ghana ir-riskju ta' persekuzzjoni u hsara irrimedjabbli ghall-hajja u persuna tieghu jkun imminenti, u dan ikun qed isir bi ksur tal-imsemmija drittijiet fondamentali tieghu, talab is-sospensjoni tal-effetti tal-Ordni ta' Ritorn u l-Ordni ta' Tnehhija biex ma jigix deportat

pendenti l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali odjerni, talab ukoll ir-rilaxx tieghu mid-detenzjoni pendenti l-istess proceduri, kif ukoll it-thassir u/jew twaqqif ta' kull ordni ghad-detenzjoni jew ritorn tieghu.

4. L-intimati opponew it-talbiet tar-rikorrent u sostnew li m'humiex misthoqqa billi dak li qed jintalab mir-rikorrent huwa rimedju provvizorju li ghandu jinghata biss f'kazijiet estremi, eccezzjonali u urgenti u jrid jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li qed titolbu. Skont l-intimati, dawn ic-cirkostanzi ma gewx ippruvati f'dan il-kaz, anzi gie konfermat li l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-azil kif imsejjes fuq dawn l-allegazzjonijiet giet michuda bhala wahda manifestament infondata ghaliex, filwaqt illi l-verzjoni moghtija mir-rikorrent fir-rigward hija inverosimili u inkonsistenti, il-fatt li huwa pprezenta l-applikazzjoni tieghu ghall-azil iktar minn tmien xhur wara l-wasla tieghu f'Malta jkompli jnaqqas mill-kredibbilita` tal-verzjoni tieghu dwar x'jigri minnu jekk jigi mkecci minn Malta u jintbaghat lura fil-Ghana.

Id-Digriet Appellat

5. Illi l-ewwel Qorti permezz tad-digriet moghti fis-17 ta' Jannar 2018, immotivat id-decizjoni taghha illi tichad ir-rikors tar-rikorrent billi ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi l-Qorti Ewropea fil-"Factsheet" mahruga minnha dwar "Interim Measures" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bhala eccezzjonali u tiddeskrivihom hekk:

*""Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm … In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).""*

"Karen Reid, imbaghad, fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (pagna 20) issostni:

*""As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferribbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases.""*

"Kif osservat il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Rosette Thake et vs Prim Ministru et (Atti tar-rikors 50/16/1 JRM):

*""biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.*

*""Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg""* ara Daniel Alexnader Holmes vs Avukat Generali et – digriet P.A. kostit. AE 16.04.2014

"(Ara wkoll Angelo Frank Paul Spiteri vs Avukat Generali – 9 ta' Jannar 2017).

> "Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi tar-rikorrenti fid-dawl tal-fuq citati principji u tasal ghall-fehma li m'ghandha taghti ebda ordni "*ad interim*" fir-rigward tar-rikorrenti. Il-Qorti qieset partikolarment il-fatt li r-rikorrenti kien digà nghata permess ta' residenza fi Spanja fl-2009. Huwa abbuza mis-sitwazzjoni legali tieghu u ttraffika d-droga f'Malta. Il-Qorti tinnota wkoll li fuq ammissjoni tieghu stess, huwa juza tlett ismijiet. Il-Qorti tinnota li uhud minn dawn l-ismijiet jidhru fid-dokumenti esibiti. F'dan l-assjem ta' incertezzi, fejn l-istess identità tar-rikorrenti m'hijiex f'ghajnejn din il-Qorti certa, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-talbiet tieghu ghal rimedju provizorju. Il-Qorti tenfasizza li r-rikorrenti jibqaghlu kull jedd li jipprocedi b'din il-kawza minn barra l-pajjiz permezz tal-mandatarji tieghu".

L-Appell

6. Ir-rikorrent Stephen Nana Owusu pprezenta l-appell tieghu fit-23 ta' Jannar 2018 li permezz tieghu talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka d-digriet appellat billi takkolji t-talbiet kollha li ghamel fir-rikors tieghu tal-24 ta' Ottubru 2017, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati.

7. L-aggravji tieghu jistghu jigu essenzjalment identifikati fis-segwenti [i] illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx kif xieraq in-natura assoluta tal-Artikolu 3 u l-bizat tieghu ta' persekuzzjoni, trattament inuman u degradanti, u kwindi l-pregudizzju irrimedjabbli li ser isofri jekk it-talbiet tieghu ghal rimedju provvizorju ma jigux akkolti; [ii] f'kaz ta' akkoljiment tal-ewwel talba tieghu, id-detenzjoni kontinwata tieghu ma tibqax ragjonevolment necessarja u lanqas permessibbli ghall-finijiet tal-

Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, liema detenzjoni kontinwata tieghu tkun qed tilledi wkoll id-dritt tieghu ghal smigh xieraq ghar-ragunijiet imfissrin fl-istess rikors tal-appell.

8. Ghal dan l-appell l-intimati pprezentaw risposta fit-30 ta' Jannar 2018 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li l-appell tar-rikorrent jigi michud billi jigi konfermat id-digriet appellat bl-ispejjez kontra r-rikorrent. In sintesi jigi osservat li l-intimati, filwaqt illi jaqblu li kazijiet marbuta ma' deportazzjoni jew tkeccija ta' immigranti illegali huma fost dawk il-kazijiet fejn l-ghoti ta' mizura provvizorja jista' jigi kkonsidrat, isostnu illi fil-kaz tar-rikorrent ma ntweriex, lanqas fuq bazi *prima facie*, li hemm riskju imminenti u reali li ser isofri pregudizzju irrimedjabbli jekk jintbaghat lura f'pajjizu f'dan l-istadju.

9. L-intimati jissoktaw isemmu diversi fatturi li, skont huma, jimmiltaw kontra l-ghoti tal-protezzjoni temporanja mitluba mir-rikorrent, fosthom il-fatt li l-Ghana huwa meqjus bhala pajjiz hieles mill-perikolu ta' persekuzzjoni; ghalkemm ir-rikorrent jilmenta li fil-Ghana hemm il-piena kapitali ma weriex li jinsab mixli b'reat punibbli b'din il-piena f'kaz ta' htija; ma jirrizultax li r-rikorrent jinsab imfittex mill-awtoritajiet tal-Ghana izda ghandu kwistjoni ma' terzi privati; id-diversi ismijiet uzati mir-rikorrent liema fatt iqieghed fid-dubju l-verzjoni tieghu; il-fatt li r-rikorrent

dam iktar minn tmien snin wara l-wasla tieghu f'Malta qabel ma applika ghall-azil.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

10. Huwa pacifiku l-principju li, kif sewwa esponew entrambi l-partijiet f'din il-kawza, biex tista' tinghata din l-ghamla ta' mizura straordinarja jehtieg li min jitolbu juri li talanqas mad-daqqa t'ghajn hemm ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti ta' rimedju *interim* ikun jirreka dannu irriversibbli ghal dik il-parti. Gie ritenut in materja illi:

> "Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;
>
> "Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha".[1]

11. Maghdud dan, kif ritenut in materja mill-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak[2]:

---

[1] PA[SK] 107/2016 **Jamburu Jara et v. Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza 4 ta' Jannar 2017, li citat minn **Emmanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et** - P.A. [SK] deciza 2 ta' Gunju 2014, kif ukoll **Stephen Pirotta v. Avukat Generali -** Q.Kos., deciza 19 ta' April 2016.
[2] *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (Raba` Edizzjoni – 2006)

"… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination. … such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of article 3 is likely to occur. This requires that the applicant states his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be subjected if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government."

12. In materja ta' kazijiet koncernanti talba ghall-azil fejn l-allegat vittma tal-ksur tad-drittijiet fondamentali titlob ordni kontra d-deportazzjoni taghha, it-twaqqif tal-proceduri ghat-tnehhija taghha minn Malta jew minn xi Stat kontraenti, u gieli wkoll ir-rilaxx taghha mid-detenzjoni, gie diversi drabi riaffermat il-principju li, ghalkemm il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma jenuncjaw ebda dritt pozittiv ghall-azil, it-tnehhija ta' persuna minn Stat kontraenti tista' xorta wahda tqanqal konsiderazzjonijiet dwar ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni[3] f'kaz li jingiebu provi li juru li f'kaz ta' espulsjoni dik il-persuna tirrinfaccja riskju reali li tigi assoggettata ghal trattament projibit mill-Artikolu 3[4]. Kif inghad, biex tintlaqa' talba ghas-sospensjoni tal-proceduri ghall-espulsjoni *pendente lite*, jenhtieg f'kull kaz jintwera li t-trattament li tista' tigi assoggettata ghalieh il-persuna li titlob din il-mizura provvizorja jilhaq

[3] Kif ukoll tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, li jipprotegi, b'mod generali, kontra l-istess trattament projibit mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.
[4] Vide **Soering v. Ir-Renju Unit**, Appl. No. 14038/88, deciz 7 ta' Lulju 1989.

grad minimu ta' severita` li jirrikjedi l-Artikolu 3, kif ukoll li jezisti talanqas fuq bazi prima facie, riskju reali ta' dan it-trattament.

13. Din il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju l-materja li ghandha tigi rizolta m'hijiex jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif maghmula fir-rikors promotur humiex gustifikati, ghaliex il-kwistjoni li ghandha quddiemha f'dan l-istadju din il-Qorti m'hijiex id-determinazzjoni tal-mertu tat-talba tar-rikorrent li ma jintbaghatx lura lejn pajjizu izda jekk jezistux cirkostanzi li jissodisfaw l-estremi sabiex tinghata mizura provvizorja.

14. Madanakollu, ghalkemm il-kwistjoni ghandha finalment tigi determinata mill-ewwel Qorti, l-evalwazzjoni li trid taghmel il-Qorti biex tasal biex tiddetermina jekk ghandhiex taghti r-rimedji provvizorji mitluba mir-rikorrent xorta wahda trid tiehu qies tac-cirkostanzi kollha relevanti, inkluz ghalhekk ic-cirkostanzi personali tal-persuna koncernata u s-sitwazzjoni generali tal-pajjiz fejn sejra tintbaghat, in-natura tat-trattament jew il-piena li jigi allegat li sejra tigi assoggettata ghaliha, u l-metodu tat-twettiq tal-istess fost ohrajn, u dan biex tassigura fuq kollox illi l-protezzjoni tal-Artikolu 3 moghtija *interim*, hija meritata. Jinsab ukoll ritenut[5] in propositu illi filwaqt li jispetta lill-allegat vittma li juri b'mod sodisfacjenti li ser jirriskontra riskju reali u imminenti ta' ksur tal-Artikolu 3 fil-pajjiz fejn ikun ser jigi deportat, il-mument relevanti ghall-finijiet tad-

---

[5] Q.Kos. 6/2008, **Dilek Sahan et v. Il-Ministru tal-Gustizzja** deciza 22 ta' Frar 2013 [para. 40 – 41], riaffermata **f'Abdul Hakim Hassan Abdulle et v. Minsitru tal-Gustizzja u l-Intern et**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju 2013.

decizjoni dwar is-sospensjoni o meno tal-proceduri ghad-deportazzjoni, huwa z-zmien tal-proceduri quddiem il-Qorti.

15. Jinghad ukoll illi l-Artikolu 3 jenuncja wiehed mill-iktar valuri fondamentali tas-socjeta` demokratika u jipprojibixxi f'termini assoluti t-tortura u l-piena jew trattament inuman u degradanti irrispettivament mic-cirkostanzi kif ukoll tal-kondotta tal-vittma nnifisha[6]. Minhabba din in-natura assoluta tal-Artikolu 3, titqies ukoll bhala mhux accettabbli li r-riskju ta' trattament kontra l-Artikolu 3 jigi newtralizzat bir-ragunijiet li jkunu nghataw in sostenn ghat-tnehhija u deportazzjoni tal-persuna koncernata[7]. Applikat dan il-principju ghall-kaz odjern, din il-Qorti tosserva illi r-rikorrent hawnhekk ghandu ragun, fis-sens illi t-traffikar ta' droga gewwa Malta u kwindi t-telf tal-istatus legali tieghu miksub gewwa Spanja li wassal ghall-hrug ta' Ordni ghat-Tnehhija tieghu minn Malta, li ghamlet accenn ghalihom l-ewwel Qorti fid-digriet appellat, ma humiex konsiderazzjonijiet xierqa biex jimmotivaw ir-rifjut tal-ghoti tar-rimedju *interim* minnu mitlub.

16. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li minkejja l-funzjoni taghha bhala qorti ta' revizjoni, ghandha tgharbel hija stess ic-cirkostanzi

---

[6] **Labita v. Italy**, Appl. No. 26772/95, u iktar recenti **M.S.S v. l-Belgju u l-Grecja**, Appl. No. 30696/09, deciz 21 ta' Jannar 2011.

[7] **Chalal v. Ir-Renju Unit**, deciz 15 ta' Novembru 1996; **Saadi v. Italy**, Appl. No 37201/06, deciz 28 ta' Frar 2002, citat fil-kaz ta' **S.H.H v. Ir-Renju Unit,** Appl. No. 60367/10, deciz 29 ta' Jannar 2013.

relevanti ghal dan il-kaz sabiex jigi stabbilit jekk huwiex xieraq li tigi milqugha t-talba ghall-ghoti ta’ rimedju provvizorju lir-rikorrent.

17. Madanakollu, applikati l-principji l-ohra fuq enuncjati ghall-fatti ta’ dan il-kaz, u wara li fliet l-atti tal-kawza, din il-Qorti ma tista’ tirravviza ebda cirkostanza eccezzjonali li turi, talanqas *prima facie*, li n-nuqqas tal-ghoti tar-rimedju provvizorju mitlub f’dan il-kaz ikun jaghti lok ghal xi hsara li ma tissewwiex lir-rikorrent. Pjuttost, tqis illi r-riskju tal-ksur tal-Artikolu 3 li r-rikorrent jghid li ser igarrab jekk it-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-proceduri biex jigi rimpatrijat fil-Ghana ma tigix akkolta pendenti l-ezitu tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, jirrisjedi iktar fl-ipotetiku milli fir-realta`.

18. Ic-cirkostanzi li jistrieh fuqhom ir-rikorrent in sostenn tat-talba tieghu jinsabu identifikati fid-dokumenti esebiti minnu quddiem l-ewwel Qorti, fosthom fl-applikazzjoni tieghu ghall-azil (Dok. E)[8] u fit-traskrizzjoni tal-intervista formanti parti mir-Rapport tal-Kummissarju ghar-Rifugjati (Dok. I)[9] dwar l-istess applikazzjoni li giet sottomessa wara li r-rikorrent kien gie rilaxxat mill-facilita` korrettiva ta’ Kordin u nharget l-Ordni tat-Tnehhija tieghu minn Malta.

[8] Fol. 34 *et seq*.
[9] Fol. 46 *et seq.*

19. In sintesi, ir-rikorrent ifisser ir-riskju reali u imminenti ta' hsara irreparabbli jekk jigi ritornat f'pajjizu, fir-retribuzzjoni li jibza' li jirriskontra ghall-mewt ta' ufficjal militari waqt glieda fil-belt ta' Nkoranza li kien involut fiha iktar minn tmintax-il sena ilu, fis-sena 2000. Ir-rikorrent, filwaqt li jsostni li ma kellu ebda rwol f'dan il-qtil, jiddeskrivi kif gie kostrett jahrab minn pajjizu wara li huwa gie identifikat bhala wiehed mill-persuni nvoluti fil-mewt tal-imsemmi suldat li, skont ir-rikorrent, kien gej minn familja prominenti f'belt twelidu b'rabtiet sodi mal-militar u l-awtoritajiet tal-Istat tal-Ghana kif ukoll fl-Ewropa. Skont ir-rikorrent, din il-familja weghdet li tivvendika ruhha bis-sahha kontra kull min kien involut f'dik il-glieda.

20. Ir-rikorrent ikompli jispjega kif missieru kien gie arrestat wara li ghenu jevita l-arrest, u kif l-istess missieru, ghalkemm fl-2005 kien liberat mill-akkuzi li assista lir-rikorrent jahrab mill-pajjiz, dam diversi xhur taht detenzjoni qabel inghata l-liberta` provvizorja. Izda l-qofol tal-hsara irreparabbli li jghid li ser igarrab jekk jintbaghat lura f'pajjizu, ir-rikorrent jorbtu mal-qtil ta' missieru fl-2006 minn persuni li, ghalkemm qatt ma gew identifikati, ir-rikorrent jinsab perswaz li gew inkarigati mill-familja tal-ufficjal militar li miet fil-glieda u jibza' ghalhekk li huwa wkoll ikun vittma tal-istess retribuzzjoni jekk il-persuni li qatlu lil missieru jsiru jafu li jkun irritorna l-Ghana.

21. In sostenn tar-riskju tal-ksur tal-Artikolu 3 li jghid li jgarrab jekk jirritorna f'pajjizu, ir-rikorrent esebixxa wkoll kopja ta' rapport tal-Pulizija tal-Ghana, datat 20 ta' Frar 2000 fejn allegatament jinsabu dokumentati l-avvenimenti u zviluppi fil-kaz tal-qtil taz-zewg suldati fil-glieda li fiha kien involut ir-rikorrent fis-sena 2000 u l-qtil ta' certu Sem Stephen fl-2006, kif ukoll dikjarazzjoni guramentata ta' Boama Emmanuel[10] li jghid li jigi hu r-rikorrent.

22. Ghalkemm jinsab affermat[11] li, minhabba n-natura assoluta tad-dritt protett mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, dan l-artikolu jista' japplika wkoll fejn il-perikolu jkun gej minn persuni jew gruppi ta' persuni li ma jkunux parti mill-awtoritajiet tal-Istat, xorta wahda jrid jigi muri f'kull kaz li r-riskju huwa wiehed reali li ma jistax jigi mtaffi bl-ghoti ta' protezzjoni xierqa.

23. Madanakollu, din il-Qorti, talanqas mill-provi li tressqu f'dan l-istadju u fil-qafas tat-talba ghall-ghoti ta' rimedju provvizorju, ma tqisx li mad-daqqa t'ghajn, ic-cirkostanzi tar-rikorrent u t-trattament li jipotetizza li ser igarrab jekk jirritorna f'pajjizu, jikkonfiguraw bhala riskju imminenti u reali ta' hsara irriversibbli fil-parametri tal-Artikolu 3, u lanqas bhala theddida ta' ksur tal-Artikolu 3. Dan ghaliex it-tezi tar-rikorrent jidher li hi mibnija esklussivament fuq incident wahdieni li gara tmintax-il sena ilu u

---

[10] Dok. M a fol 93 *et seq*.

[11] **Sahan et v. Ministru tal-Gustizzja et** – *ibid.*

fuq spekulazzjoni u kongetturi dwar x'jista' jigri jekk jirritorna f'pajjizu, minghajr il-konfort ta' xi evidenza oggettiva li attwalment jezisti jew ghadu jezisti llum, xi riskju li r-rikorrent jigi assoggettat ghal trattament projibit mill-Artikolu 3.

24. Ghalkemm ir-rikorrent isostni li kienu membri tal-familja tas-suldat li miet fil-glieda li kien involut fiha, li qatlu lil missieru, din il-Qorti ma rriskontrat ebda hjiel ta' prova fl-atti li dan huwa minnu, u ma tqisx li r-rikorrent irnexxilu jorbot b'mod konkret il-mewt ta' missieru ma' dan l-incident li gara iktar minn sitt snin qabel. Inoltre, ghalkemm il-biza' ta' retribuzzjoni tifforma tabilhaqq il-fondament tat-talba tar-rikorrent li ma jigix ritornat f'pajjizu, ma jirrizultax li saret xi theddida konkreta ta' retribuzzjoni diretta fil-konfront tieghu minghand il-familja tal-ufficjal maqtul fl-imsemmi incident, u jekk sar, certament mhux f'dawn l-ahhar snin. In propositu, din il-Qorti ma tistax twarrab ir-risposta tar-rikorrent ghall-mistoqsija tal-Kummissarju tar-Rifugjati jekk qatt gratx xi hag'ohra wara fejn ir-rikorrent wiegeb illi: "*After the incident I just left and nothing else happened to me*".[12]

25. Din il-Qorti ma tistax lanqas tinjora l-kontradizzjoni li mad-daqqa t'ghajn tidher li tezisti bejn id-dikjarazzjoni ta' Boama Emmanuel[13] li min-naha l-wahda jsostni li missieru nqatel mill-persuni li kienu arrestawh u jibza' li dawn jattakkaw ukoll lil huh, u min-naha l-ohra r-rapport tal-

[12] Vide Dok. E a fol. 34 et seq.
[13] Dok. M.

Pulizija (Dok. L) fejn jinsab dokumentat illi kienu membri tat-tribu` tal-Fulani li qatlu lil missieru Sem Stephen. Jigi osservat illi f'dawn id-dokumenti ma hemm ebda accenn kwalsiasi ghall-familja tal-mejjet suldat u r-retribuzzjoni li skont ir-rikorrent ser iwettqu fuqu, u filwaqt li r-rikorrent jghid li l-isem tal-familja ta' dan is-suldat huwa "Ansu", dan m'huwa l-isem ta' ebda wiehed mis-suldati li jissemmew fir-rapport tal-Pulizija. Huwa wkoll ftit spjegabbli, talanqas mill-provi li gew prodotti s'issa mir-rikorrent, kif ir-rapport tal-Pulizija, li din il-Qorti ghandha rizervi serji dwar l-awtenticita` u l-kontenut tieghu, jiddokumenta [i] avvenimenti li graw wara d-data tar-rapport minghajr ebda ndikazzjoni li r-rapport kien qed jigi aggornat, kif ukoll [ii] il-biza' li kien qed ihoss is-suspettat Donyina Evans (jekk wara kollox dan huwa verament l-isem tar-rikorrent) mit-tribu` tal-Fulani, meta ma jirrizultax skont l-istess rapport li s-suspettat qatt gie intercettat jew interrogat ghaliex kien harab mill-Ghana.

26. Ir-rikorrent fisser ulterjorment fir-rikors tal-appell tiegħu illi jekk jigi arrestat u mixli mill-awtoritajiet tal-Istat f'pajjizu, bl-involviment tal-imsemmi ufficjal militari, f'kaz ta' htija jista' jigi kkundannat ghall-piena kapitali bil-konsegwenza inevitabbli li jkollu jittraskorri ghexieren ta' snin fuq *death row*[14]. Izda anke dwar din l-ipotesi tal-arrest u prosekuzzjoni tieghu mill-awtoritajiet tal-Istat, ir-rikorrent naqas milli juri, *de minimis*, li

[14] Vide Dok. O – "*Locked Up and Forgotten: The Need to Abolish the Death Penalty in Ghana*", rapport ta' Amnesty International, a fol. 97 *et seq*.

kien gie attwalment mixli fil-Ghana in konnessjoni mal-mewt tal-ufficjal militar in kwistjoni, jew mixli b'reat li f'kaz ta' htija, jattira l-piena kapitali (apparti li ma saret ebda prova ta' *xi death row phenomenon*): cirkostanza li din il-Qorti tqis bhala mehtiega biex jista' jissawwar prospett reali ta' trattament leziv tal-Artikolu 3.

27. Maghdud mal-premess, din il-Qorti tosserva wkoll li, filwaqt li ma jirrizultax mill-atti li fil-Ghana tezisti sitwazzjoni instabbli, l-ezistenza tal-piena kapitali f'dak il-pajjiz ma jistax jinghad li twassal fiha nnifisha ghal theddida reali ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

28. Mizmumin fermi l-konsiderazzjonijiet fuq premessi, izda mehud kont tal-fatt li r-rikorrent ser ikollu l-opportunita` waqt it-trattazzjoni tal-mertu tal-ilmenti kostituzzjonali tieghu jressaq provi ulterjuri biex jepura l-ilment tieghu u jissostanzja r-realta` tar-riskju li jghid li jkollu jirrinfaccja jekk jigi deportat lejn pajjizu, f'dan l-istadju din il-Qorti ma tirriskontra xejn fl-atti li jikkonvinciha li t-twettiq tal-Ordni tat-Tnehhija ser iwassal ghal certezza, wisq anqas prospett reali ta' hsara lir-rikorrent bi ksur tad-dritt ghall-helsien minn tortura jew trattament inuman. B'mod partikolari, din il-Qorti tqis illi m'hemmx evidenza konvincenti li tista' twassalha biex temmen li l-incident li ddeskriva r-rikorrent ghad ghandu, wara tmintax-il sena, xi relevanza ghall-finijiet tar-ritorn tieghu gewwa pajjizu. Inoltre, ma jistax ma jigix osservat li t-trapass ta' iktar minn tmien snin wara l-

wasla tieghu f'Malta li r-rikorrent halla jghaddi qabel talab l-azil f'Malta huwa fattur li jimmilita tassew kontra l-ezistenza ta' urgenza estrema li jenhtieg ghas-sospensjoni *interim* tal-proceduri ghad-deportazzjoni.

29. Konformament mal-premess, din il-Qorti ma tqisx li n-nuqqas tal-ghoti tar-rimedju temporanju mitlub mir-rikorrent jista' jikkontribwixxi jew iwassal ghal xi hsara irrimedjabbli fil-konfront tieghu, u ghal dawn ir-ragunijiet ma hix tal-fehma li ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tichad it-talba tieghu fir-rigward.

30. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju tar-rikorrent ma jirrizultax li huwa gustifikat, u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

31. Billi t-tieni aggravju tar-rikorrent dwar it-talba tieghu ghar-rilaxx mid-detenzjoni huwa msejjes fuq l-aggravju dwar it-talba tieghu li ma jigix ritornat lura lejn il-Ghana, liema aggravju gie michud, dan l-aggravju wkoll ma jistax jirnexxi u qed jigi respint.

Decide

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichdu u, ghalkemm ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti, tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm